**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 367/11VG**

**Paul Azzopardi**

**Vs**

**Catherine Borg nominata bħala Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta lill-assenti Martin Scicluna**

**Illum 21 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Paul Azzopardi fil-11 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema jitlob li Martin Scicluna, rappreżentant f'dawn il-proċeduri minn Catherine Borg *qua* Kuratur Deputat, jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) jew somma oħra verjuri rappreżentanti kumpens għal serviġi reżi minnu lid-defunta Maria Scicluna illi mietet fit-2 ta' Jannar 2009, li tagħha Martin Scicluna huwa l-uniku u assolut eredi u dan skond l-aħħar testment revokatorju tagħha datat 12 ta' Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Dorita Galea Medati, bl-imgħax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra Martin Scicluna;

Rat ir-Risposta ta' Catherine Borg, Kuratur Deputat li qed tirrappreżenta lill-assenti Martin Scicluna f'dawn il-proċeduri, permezz ta' liema teċċepixxi li: (i) in linea preliminari l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u dan minħabba t-trapass ta' aktar minn ħames snin minn mindu huwa rrenda serviġi; (ii) fil-mertu u bla preġudizzju, it-talba attriċi għandha tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra l-attur, stante li d-decujus kienet dejjem ħallset lill-attur għal kwalsiasi għajnuna li seta' taha;

Rat in-Nota ppreżentata minn Catherine Borg fl-1 ta' Diċembru 2011[1] permezz ta' liema tassumi l-atti għan-nom u fl-interess ta' Martin Scicluna, assenti minn dawn il-Gżejjer;

[1] Fol. 8 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Frar 2012[2], tat-23 ta' April 2012[3] u ta' l-10 ta' Novembru 2014[4], rat l-affidavit ta' Vincenza Farrugia esebit mill-attur permezz ta' Nota ppreżentata fit-23 ta' April 2012 a fol. 22 u 23 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Josephine Ann Azzopardi mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2012[5] u x-xhieda tan-Nutar Dottor Elsa Debono mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "ED1" a fol. 36 sa' 45 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tan-Nutar Dottor Doria Galea Medati mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2013[7] u x-xhieda ta' Dr. Bridgitte Gafà mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2013[8] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "BG1" sa' Dok. ""BG5" a fol. 67 sa' 76 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Catherine Borg mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2013[9] u x-xhieda ta' Martin Scicluna mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju 2014[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 120 sa' 124 tal-proċess u rat in-Nota Responsiva tal-konvenuta noe a fol. 126 sa' 132 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li Martin Scicluna, hawn rappreżentat minn Catherine Borg *qua* Kuratur Deputat, jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' €7,000, jew somma oħra verjuri, rappreżentanti serviġi minnu prestati lil Maria Scicluna, illi mietet fit-2 ta' Jannar 2009, li tagħha l-imsemmi Martin Scicluna huwa l-uniku eredi assolut skond testment fl-atti tan-Nutar Dorita Galea Medati datat 12 ta' Ottubru 2008. Il-konvenuta noe teċċepixxi li l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors ta' ħames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u li fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni, fil-mertu t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li Maria Scicluna dejjem ħallset lill-attur għall-għajnuna li seta' taha.

Il-Qorti tibda billi tosserva li mill-import ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta noe, in partikolari l-eċċezzjoni tal-pagament, jirriżulta li l-istess konvenuta noe tirrikonoxxi li l-attur ppresta serviġi lil Maria Scicluna. Nonostante dan però l-konvenuta noe, kemm tramite l-provi minnha prodotti kif ukoll tramite s-sottomissjonijiet minnha avvanzati fin-Nota Responsiva tagħha, timplika li ma huwiex minnu li l-attur ippresta serviġi tat-tip u fl-entità minnu pretiż, anzi jekk ta xi forma ta' għajnuna lil Maria Scicluna din kienet ferm minima.

L-ewwel element li l-konvenuta noe tutilizza biex tittenta tipprova li ma huwiex minnu l-attur ippresta serviġi lil Maria Scicluna fi u ta' l-entità minnu pretiz hija l-allegazzjoni li d-dar ta' Maria Scicluna kienet fi stat ta' manutensjoni pessima, tant

[2] Fol. 17 sa' 20 tal-proċess.
[3] Fol. 24 u 25 tal-proċess.
[4] Fol. 116 sa' 118 tal-proċess.
[5] Fol. 27 u 28 tal-proċess.
[6] Fol. 46 u 47 tal-proċess.
[7] Fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[8] Fol. 77 u 78 tal-proċess.
[9] Fol. 84 sa' 100 tal-proċess.
[10] Fol. 103 sa' 114 tal-proċess.

illi ġiet ritenuta bħala perikoluża minn Perit inkarigat minn Martin Scicluna, bil-konsegwenza li dan Martin Scicluna kien kostrett iwaqqa' din id-dar u minflok jibni blokk ta' appartamenti. Il-konvenuta noe tressaq din l-allegazzjoni partikolari fid-dawl tax-xhieda ta' l-attur fejn stqarr: *il-fond ta' Scicluna kien jikkonsisti f'entrata, sitting room, kamra ta' l-ikel, kċina, żewġt ikmamar tas-sodda fuq u l-bejt u kamra tal-banju żgħira isfel. Fil-fond ta' Scicluna jiena għamilt diversi xogħol ta' maintenance matul is-snin, per eżempju kont inħalleb il-bejt, kien hemm xi ġebel fuq il-bejt li fl-opinjoni tiegħi ma kienux qegħdin tajjeb u kont biddilthom, għamilt xogħol ta' tibjid u ta' żebgħa, anke għamilt xogħol ta' l-elettriku fis-sistema tad-dawl, bażikament kull ma kien ikun hemm bżonn li jsir kont nagħmlu*[11].

Da parte tagħha l-konvenuta noe, in risposta għall-mistoqsija *l-post tagħha, ta' Maria Scicluna, f'liema stat kien?* Stqarret *miżerja. Is-saqaf niżel, lanqas stajna nitilgħu fuq*. Għall-mistoqsija *meta ma stajtux titilgħu fuq?* wieġbet *meta ġie l-Perit biex jara* u mistoqsija meta ġie l-Perit wieġbet *meta mietet u meta ġabha l-kuġin id-dar għax ma riditx toqgħod hi, hi ma riditx toqgħod l-isptar u meta ġie minn barra ħadha naqra d-dar u qalilha ejja ħa nieħdok u tatha rasha għax qalet kelli dari.* Għall-mistoqsija ulterjuri tal-Qorti *u x'ħin ħadha d-dar x'ikkummentat? X'qaltlu hi x'ħin rat id-dar?* il-konvenuta noe wieġbet *tatha rasha. Bħal speċi qalet x'miżerja ta' dar għandi meta jiena kont inħallas u għandi din id-dar kollha*[12]. Dwar l-allegat stat tad-dar ta' Maria Scicluna, Martin Scicluna xehed: *I would like to state at this point that as far as the maintenance of the house, the house had to be demolished. ... She passed away in the year 2008 around the Christmas time, just before the new year if I am not mistaken. I had to demolish the house because there were chunks of rocks that were falling into the house and I was also concerned that it would hurt somebody from the outside because it was in ... repair. The furniture in the house had to be discarded because it was infested. So there was nothing that came back from my aunt as far as I am concerned.* In kontro-eżami Martin Scicluna reġa stqarr: *I was in the place of residence the year in 2008 and when I was there I for myself had witnessed chunks of rock, chunks of roof on the ground on the first level. It was such in disrepair that I would not allow my kids in there because I was scared for them that something might fall off the roof and hit them. ... This was in the year 2008, in the summer of the year 2008. It was in such disrepair at that time nobody was living in the house because it was not safe. ... I can tell you in 2008, after all this work that was supposedly done that the place was falling apart*[13].

Stranament, nonostante dak allegat mill-konvenuta noe u minn Martin Scicluna, l-istess konvenuta noe ma pproduċiet l-ebda ċertifikat ta' Perit u ma ressqet l-ebda Perit biex jikkonferma l-istat li l-fond kien fih fl-2008/2009, ossia meta daħlu fil-fond ma' Maria Scicluna meta ħarġuha mill-Isptar, u cioè fiż-żmien meta għamlet l-aħħar testment tagħha, u meta eventwalment il-fond ġie f'idejn Martin Scicluna in segwitu għall-mewt tagħha. Fin-nuqqas ta' tali prova, prova li fehma tal-Qorti kienet ferm meħtieġa mhux biss fid-dawl ta' l-import ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta noe imma anke fid-dawl tal-mod evasiż li bih kemm il-konvenuta noe kif ukoll Martin Scicluna xehedu dwar l-istat tal-fond fis-snin anteċedenti għall-2008, diffiċilment jista' jitwemmen u jiġi aċċettat li l-fond kien fi stat ta' manutensjoni

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012, fol. 17 sa' 20 tal-proċess.
[12] Xhieda mogħtija minn Catherine Borg waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2013, fol. 84 sa' 100 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija minn Martin Scicluna waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju 2014, fol. 103 sa' 114 tal-proċess.

ħażina, tant illi kellu jiġi demolit, u b'hekk ma tistax tiġi aċċettata l-allegazzjoni sottintiża tal-konvenuta noe li l-attur ma pprestax serviġi lil Maria Scicluna fi u ta' l-entità minnu deskritta u spjegata fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012[14], u dana mhux limitatament għall-manutensjoni tal-fond residenzjali ta' l-istess Maria Scicluna.

Huwa ormai assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *l-bażi ta' l-azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta' dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu. Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilità għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ħa s-servizz u, wisq aktar, ta' min tahom. Illi, fuq kollox, il-fatt li ma hemm l-ebda rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. Il-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwità tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha. … Illi biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw gratuwitament, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċneti biżżejjed biex iwaqqagħha. Fil-każ preżenti, l-attur ma qalx li l-imħarrek dar bih bla ħsieb jew tama ta' ħlas, imma qal li ta' dak il-qadi kien iħallsu mill-ewwel u b'mod regolari. Illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas mgħmula minn min ikun ta' s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xi ħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens. L-għarfien mhux bil-fors iseħħ jekk ikun hemm kitba f'dan is-sena, iżda jista' jsir bil-fomm għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu*[15].

Fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jirriżulta b'mod ċar li l-attur kjarament kien jippresta serviġi lil Maria Scicluna bil-fehma u tama li jitħallas għall-istess. Il-fatt li kien ilu jaf lil Maria Scicluna minn mindu kien tifel żgħir peress illi kienet toqghod fl-istess triq fejn kienet toqgħod ommu w anke kienet tiġi xi ħaġa mill-bogħod minn ommu, bl-ebda mod ma jimpinġu fuq id-dritt tiegħu li jitħallas għas-

[14] Fol. 17 sa' 20 tal-proċess.
[15] Giuzeppi Borg v. Emanuel Azzopardi, Ċitaz. Nru. 1301/95 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 2005.

serviġi hekk minnu prestati lil Maria Scicluna. In kwantu rigwarda l-grad ta' parentela li jidher li kien hemm bejn Maria Scicluna u l-attur tramite ommu, dan ċertament ma għandux jeffettwa b'mod negattiv il-pretensjoni u konsegwenti azzjoni tiegħu għar-raġuni li apparte l-fatt li l-grad ta' parentela ma huwiex tali li jista' b'xi mod joħloq sitwazzjoni fejn is-serviġi setgħu kienu qed jiġu reżi bla ebda fehma u tama ta' ħlas, huwa ormai prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *hu veru li kien hemm epoka fil-ġurisprudenza lokali, li bejn wieħed u ieħor, kien ikopri l-perijodu bejn l-1890 u l-1958, meta l-posizzjoni kienet illi ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsanguinità huma stretti, meta min jippresta s-serviġi ma jkunx sofra perditi materjali, imma biss inkomoda ruħu personalment, u dan sakemm ma jkunx hemm ukoll ċirkostanzi li juru ċar illi tant mill-parti ta' min jippresta s-serviġi kemm ukoll minn dak li a favur tiegħu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens. ... F'dan il-perjodu, f'każ ta' serviġi prestati bejn parenti, is-serviġi ġew ritenuti prestati 'familiaritatis causa' u kwindi l-presunzjoni kienet li ma kienx hemm il-ħsieb ta' kumpens għas-serviġi reżi. Fil-ġurisprudenza aktar riċenti, però, anke għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludelment il-gratuità sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela. ... L-istess posizzjoni ttieħdet minn din il-Qorti fil-kawża "Gili v. Grixti" deċiża fit-3 ta' Ottubru 1991, meta ntqal li fin-nuqqas ta' ċirkostanzi li juru l-kuntrarju, kull serviġi għandu jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens, u wkoll fil-kawża "Borg v. Gaffiero" deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu 2003. Fil-kawża "Agius v. Galea" deċiża* [mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili] *fit-12 ta' Frar 1996, ġie ribadit il-prinċipju li l-gratwità u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment u għalkemm, f'dak il-każ, l-attriċi rrendiet is-serviġi mad-decuius għax kien missierha, li safa waħdu wara l-mewt ta' ommha u hi, bħala l-unika tifla fost żewġ subien, ħasset li għandha tieħu ħsieb missierha li ma kienx f'posizzjoni li jieħu ħsieb lilu innifsu, dan ma jfissirx li hi ma xtaqitx kumpens; lanqas il-fatt li għal sentejn ma resqitx talba għall-kumpens u għamlet dan biss wara inkwiet ma' ħutha fuq id-deheb ta' ommha, ma fisser li hi ma kellhiex ħsieb ta' remunerazzjoni*[16].

Element ieħor li fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi iktar 'l fuq ċitati juri biċ-ċar li l-attur kellu l-isperanza li jiġi kkumpensat għas-servizzi minnu reżi lil Maria Scicluna kien l-għarfien tiegħu li l-istess Maria Scicluna kienet ser tħallih bħala eredi ta' parti mill-ġid tagħha. Fir-rigward Paul Azzopardi xehed *l-ewwel testment li kellha Mary Scicluna* - ossia t-testment tal-5 ta' April 2007[17] li però in segwitu ġie revokat bit-testment datat 12 ta' Ottubru 2008 - *jien kont naf x'fih. Fil-fatt ħalliet il-maġġor parti ta' l-affarijiet lin-neputijiet, lili ħallietli kwart mill-beni tagħha u ħalliet ukoll xi ħaġa żgħira lil Mary Meilaq. Jien kont naf li fih dawn l-affarijiet għar-raġuni li kienet qaltli l-istess Mary Scicluna. Meta sar dan l-ewwel testment Maria Scicluna kienet stednitni d-dar għandha, ġie n-nutar u jien kont preżenti filwaqt li kien qed jinkiteb it-testment, u dan fuq talba tagħha*[18].

---

[16] Anthony Catania pro et noe v. Maria Agius, Ċitaz. Nru. 1381/93 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru 2003.
[17] Fol. 41 sa' 45 tal-proċess.
[18] Xhieda mogħtija mill-attur waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012, fol. 17 sa' 20 tal-proċess.

Għalkemm it-testment tal-5 ta' April 2007 ġie in segwitu revokat b'testment ieħor datat 12 ta' Ottubru 2008 magħmul quddiem in-Nutar Dottor Dorita Galea Medati, dan ma jbiddel xejn mill-*forma mentis* li jirriżulta li kellhom kemm l-attur kif ukoll Maria Scicluna fir-rigward tas-serviġi minnu prestati lilha u għaldaqstant jirriżulta b'mod ċar li huwa għandu jedd jitħallas għas-serviġi minnu prestati lill-imsemmija Maria Scicluna. Dan il-jedd ta' l-attur però jeħtieġ issa jiġi kkunsidrat fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet kontrapposti għall-istess, ossia l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali u l-eċċezzjoni tal-pagament.

Fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-kumpens għal serviġi reżi huwa ormai ġuridikament stabbilit u assodat illi: *huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li talba għal ħlas ta' serviġi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili… Dan l-artikolu jiddisponi li "l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku - jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin". Il-ġurisprudenza in materja hija waħda kostanti fis-sens li hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' serviġi jew prestazzjonijiet oħra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom. U l-Qrati Tagħna, anki f'każijiet reċenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwità tas-serviġi. Dan il-prinċipju ġie ribadit fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Jannar 1955 fil-kawża "Agostino Pace et v. Antonio Agius noe" fejn jingħad espressament li "l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi u għar-restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjonijiet magħmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruħha f'ħames snin; u ċ-ċirkustanza li s-serviġi jew somministrazzjonijiet ikunu kontinwi, jew bla interruzzjoni mhux biżżejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-serviġi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għas-serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew għal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri*[19].

Applikati l-prinċipji ġuridiċi appena ċitati għall-każ in eżami, fejn il-proċeduri ġew istitwiti fil-11 ta' Ottubru 2011, jirriżulta li l-attur għandu jedd jitlob kumpens għas-serviġi reżi lil Maria Scicluna sa' ħames snin qabel dakinhar. Dan ifisser għalhekk li l-attur jista' jfittex ghas-serviġi minnu prestati lil Maria Scicluna bejn il-**11 ta' Ottubru 2006 sat-2 ta' Jannar 2009**, ossia d-data meta mietet. Il-konvenuta noe tikkontendi però li l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġuni li *tenendo kont tal-fatt li fix-xhieda in kontro-eżami l-istess attur jiddikjara b'mod ċar li l-aħħar xogħol li għamel kien biss fis-sena 2006, hija dik id-data li għandha titqies finali għall-komputazzjoni tal-preskrizzjoni odjerna. Jirriżulta li l-kawża odjerna ġiet intavolata fil-11 ta' Ottubru 2011 u għalhekk l-azzjoni attriċi hija preskritta kif hawn fuq sottomess. Illi waqt il-kontro-eżami ta' l-attur dan stqarr illi l-aħħar maintenance li kien renda fid-dar*

[19] George Sciberras et v. Josephine Spiteri et, Appell Ċivili Nru. 438/93 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005.

*lid-decuius kien fl-2006. … Illi fix-xhieda tiegħu l-iktar li enfasizza l-attur kien ix-xogħol ta' maintenance fid-dar. Illi imbagħad irriżulta ex admissis mill-istess attur illi minn meta d-decuius ġiet rikoverata l-isptar (2008) is-servizzi tiegħu kienu limitatissimi fis-sens illi kien imur jaraha u forsi jaqdiha jekk inqalalha xi ħaġa mhux tas-soltu. … Illi għalhekk ftit li xejn jirriżulta li sar bħala serviġi bejn l-2006 u l-2008. Illi ma nġabet l-ebda prova ta' xi att ġiudizzjarju ieħor li ġie utilizzat sabiex tiġi interotta din il-preskrizzjoni u għalhekk l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi*[20].

Din il-Qorti però ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuta noe għar-raġuni li ladarba l-attur baqa' jippresta serviġi lil Maria Scicluna anke wara li ddaħlet l-Ispater Mater Dei fl-2008, fatt dan kjarament rikonoxxut mill-istess konvenuta noe fin-Nota Responsiva tagħha, ma jistax jitqies li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli qabel il-preżentata tal-proċeduri beda jiddekorri f'xi żmien matul l-2006. Għalkemm il-konvenuta noe tista' tqis li s-serviġi reżi mill-attur lil Maria Scicluna tul il-permanenza tagħha l-Isptar kienu minimi, xorta jibqa' l-fatt li hu baqa' jipprestalha serviġi u l-portata w importanza ta' l-istess jistgħu se mai jimpingu fuq il-*quantum* tal-kumpens lilu dovut għas-serviġi minnu reżi f'dan iż-żmien.

Apparte minn hekk hemm fattur ieħor li juri biċ-ċar li l-azzjoni attriċi ma hijiex preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta kif pretiż mill-konvenuta noe, u dana huwa r-rikonoxximent tas-serviġi da parte ta' Maria Scicluna permezz tat-testment tagħha datat 5 ta' April 2007[21] fejn kienet innominat lill-attur bħala eredi ta' 1/4 tal-ġid kollu tagħha. Għalkemm il-konvenuta noe tikkontendi li dan it-testment ma jistax jitqies bħala rikonoxximent ta' Maria Scicluna għas-serviġi lilha prestati mill-attur għaliex ma ġiex espressament indikat li l-attur kien qed jiġi nominat bħala eredi in kumpens tas-serviġi minnu lilha prestati matul is-snin, tali sottomissjoni tirriżulta għal kollox żbaljata. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Coleiro v. Francesca Saveria Balzan et, Ċitaz. Nru. 931/89** deċiża fit-2 ta' Ottubru 2008. Fl-imsemmija sentenza ġie osservat illi: *skond il-ġurisprudenza tagħna, bħal per eżempju f'Attard v. Magri deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Jannar 1989 "rikonoxximent tas-serviġi f'testment iservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk tkun għalqet, u din l-interruzzjoni topera dietim, cioè tul iż-żmien li t-testment jibqa' validu… Il-Qorti tirreferi wkoll għal Dr. Edoardo Cutajar M.D. v. Teresa Xuereb et deċiża fis-6 ta' Ottubru 1951 (Vol. XXXV.ii.484) fejn din il-Qorti kienet qalet li legat rimuneratorju imħolli mit-testatur bi ħlas tas-serviġi w alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta għal ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn il-persuna gratifikata għal dawk is-serviġi, u kwindi bħala rikonoxximent li jinterrompi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għal ħlas ta' dawk is-serviġi. Huwa veru li fil-każ in eżami it-testatur fit-testment tiegħu tal-25 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar … it-testatur ma jgħidx fit-Tielet Artikolu ta' dak it-testment li l-legat li kien qiegħed iħalli lill-attriċi a limine intus kien intiż biex jikkompensaha għas-serviġi minnha reżi, iżda mill-provi miġjuba m'hemmx dubju li dan il-legat kien intiż biex b'xi mod jikkompensa lill-attriċi tas-serviġi reżi.*

[20] Nota Responsiva tal-konvenuta noe, fol. 126 sa' 132 tal-proċess.
[21] Fol. 40 sa' 45 tal-proċess.

Fil-każ in eżami bħal fil-każ Coleiro v. Balzan et, fit-testment tagħha tal-5 ta' April 2007 Maria Scicluna ma qalitx li kienet qed tinnomina lill-attur bħala eredi ta' 1/4 tal-ġid kollu tagħha biex tikkumpensah għas-serviġi minnu prestati lilha iżda l-Qorti tqis li dan kien appuntu l-każ anke fid-dawl tal-fatt li l-attur, fuq talba ta' Maria Scicluna stess, kien infurmat b'dan it-testment u addirittura ġie minnha mitlub ikun preżenti waqt li l-isteżura tiegħu. Da parte tagħha l-konvenuta noe ma ressqet l-ebda prova kuntrarja għal dan u tistrieħ biss fuq is-sottomissjoni li *sabiex wieħed jistrieħ fuq testment kif qiegħed jittenta jagħmel l-attur trid tinġieb il-prova ċara u konkreta li dak il-legat, jew fil-fatt li qiegħed jitħalla bħala eredi, sar bl-intendiment ta' ħlas ta' servizzi reżi. Fil-fatt meta testatur jixtieq jagħmel hekk, huwa jinkludi proprju dan il-kliem fit-testment sabiex ikun hemm aċċettazzjoni espressa tas-servizzi mogħti lilu. Fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni però, il-Qorti ma tistax hija, di sua sponte, tiddikjara li dak kien il-ħsieb. Dan aktar u aktar meta dak l-istess testment jiġi diversi drabi revokat b'finalità differenti*[22], sottomissjoni din li, kif iktar 'l fuq osservat, irriżultat ġuridikament insostenibbli.

Għad illi t-testment tal-5 ta' April 2007 ġie revokat b'testment ieħor sussegwenti datat 12 ta' Ottubru 2008, li kien appuntu l-aħħar testment magħmul minn Maria Scicluna qabel mewtha, tul il-perijodu li t-testment tal-5 ta' April 2007 baqa' in vigore t-terminu tal-preskrizzjoni kien wieqaf[23] u għaldaqstant minn dan l-aspett ukoll jirrizulta li l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-konvenuta noe ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Il-konvenuta noe teċċepixxi wkoll li t-talba ta' l-attur għall-ħlas għas-serviġi minnu reżi lil Maria Scicluna għandha tiġi miċħuda stante li l-istess Maria Scicluna dejjem ħallsitu għal kwalsiasi għajnuna li seta' taha.

Huwa prinċipju ġuridiku assodat illi *l-prova tal-pagament jew ta' l-eċċessività tal-kreditu reklamat kienu ċertament jinkombu fuq il-konvenut nomine li allegahom. Hi fil-fatt ġurisprudenza paċifika illi min jallega l-pagament għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti... Fid-dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma tħallasx ... jekk ma jiġix pruvat - kif del resto ma sarx f'dan il-każ - b'mezzi oħra li l-attur huwa sodisfatt... Naturalment l-attur li jallega d-debitu għandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jagħmel dan, jibqa' jimpera l-prinċipju 'actor non probante, reus absolvitur'*[24].

Il-fatt li l-attur għandu jedd jitħallas għas-serviġi prestati lil Maria Scicluna bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u t-2 ta' Jannar 2009 u b'hekk il-fatt li għandu kreditu fil-konfront tal-konvenuta noe huma, ormai, fatti li jinsabu debitament ippruvati u għaldaqstant hija l-konvenuta noe li trid tipprova li l-attur tħallas għas-serviġi minnu reżi lil Maria Scicluna partikolarment tul il-perijodu in kwistjoni. Fir-rigward il-konvenuta noe

---

[22] Nota Responsiva tal-konvenuta noe, fol. 126 sa' 132 tal-proċess.
[23] Giuzeppi Borg v. Emanuel Azzopardi, Ċitaz. Nru. 1301/95 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 2005.
[24] Andrew Dalli v. Michael Balzan et, Ċitaz. Nru. 187/90 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003.

tikkontendi li *huma tnejn l-indizzji oħra li juru li l-attur fil-fatt tħallas. Fl-ewwel lok huwa jispjega li kien ħa salib tad-deheb minn envelope għaliex Scicluna staqsietu jekk kienx jogħġbu xi ħaġa tad-deheb. Għalkemm skond hu l-envelopes kienu siġġilati kien jaf li kien hemm salib tad-deheb, u fil-fatt dan żammu. Naturalment naqas milli juri l-Qorti dan is-salib jew almenu iġib valutazzjoni ta' l-istess. Prezz ta' salib tad-deheb, b'dipendenza anke fuq it-tip ta' deheb ivajra konsiderivolment. Illi t-tieni okkazzjoni fejn l-attur qatt semma ħlas għal dawn is-servizzi kien addirittura ittra b'rendikont li l-attur bagħat lil Martin Scicluna wara l-mewt ta' Maria. Kif ġie spjegat hawn fuq dan l-att ma jistax ikollu effett retroattiv*[25].

Fil-fehma tal-Qorti dak sottomess mill-konvenuta noe però ma jippruvax b'mod sodisfaċenti li l-attur tħallas għas-servizzi minnu reżi lil Maria Scicluna, partikolarment tul il-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u t-2 ta' Jannar 2009.

Għal dak li jirrigwarda r-rendikont għall-ħlas mibgħut mill-attur lil Martin Scicluna wara l-mewt ta' Maria Scicluna, il-Qorti ma tarax kif dan ir-rendikont u partikolarment il-fatt li nbagħat lil Martin Scicluna wara l-mewt ta' Maria Scicluna jista' b'xi mod juri li l-attur kien ġia tħallas għas-serviġi minnu reżi lill-istess Maria Scicluna. Sa' ftit qabel ma mietet Maria Scicluna l-attur kien għadu bl-impressjoni u bil-fehma li huwa mal-mewt tagħha huwa kien se jiret 1/4 tal-ġid kollu tagħha skond it-testment tal-5 ta' April 2007 u meta din infurmatu li t-testment inbidel assikuratu li Martin Scicluna kien se jikkumpensah għas-serviġi minnu prestati lilha. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi huwa ovvju w evidenti li wara l-mewt ta' Maria Scicluna huwa kien se javvanza l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront ta' Martin Scicluna.

In kwantu rigwarda s-salib tad-deheb li l-attur jammetti li kienet tatu Maria Scicluna, kien jispetta lill-konvenuta noe tipprova li b'dak is-salib, jew aħjar li fid-dawl tal-valur ta' dak is-salib, l-attur effettivament tħallas għas-serviġi minnu reżi lil Maria Scicluna b'dana li llum ma għadx għandu iktar pretensjonijiet fil-konfront ta' l-eredi tagħha, prova din li però ma saritx.

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-konvenuta noe ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li l-attur tħallas għas-serviġi minnu reżi lil Maria Scicluna, partikolarment tul il-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u t-2 ta' Jannar 2009, u għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-pagament minnha sollevata ma tistax u ma għandhiex tiġi milqugħa.

Trattat dan kollu għandha issa tiġi trattata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpens a favur l-attur għas-serviġi minnu reżi lil Maria Scicluna tul il-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u t-2 ta' Jannar 2009. In verità l-perijodu realment in kwistjoni u li għandu jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens huwa bejn il-**11 ta' Ottubru u l-aħħar ta' Ottubru 2008** in kwantu Maria Scicluna għaddiet l-aħħar xahrejn qabel ma mietet għand Catherine Borg u kienet din Catherine Borg illi daret biha tul dak iż-żmien.

In kwantu rigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens għal serviġi reżi huwa ġuridikament assodat illi: *fost il-kriterji magħrufa li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-*

---

[25] Nota Responsiva tal-konvenuta noe, fol. 126 sa' 132 tal-proċess.

*kumpens dovut, wieħed isib: (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija; (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna; (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna; (iv) il-kedda u t-tbatija nvoluti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens; (v) il-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi; (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun 'di bassa lega'; (vii) jekk ma' l-għoti tas-serviġi l-persuna tkun ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha; u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa imwiegħer jew dgħufija*[26].

Fir-rigward tas-serviġi reżi lil Maria Scicluna l-attur xehed illi: *Maria Scicluna kienet xebba u jien niftakar anke lil ommha u lil missierha. Missierha kien għamel żmien St. Vincent de Paul u niftakar sew li meta ommha kienet tkun ma tiflaħx, Scicluna mhux l-ewwel darba li kienet tmur tistaqsi lill-mamà tiegħi biex jiena ninżel noqgħod m'ommha. Il-fond ta' Scicluna kien jikkonsisti f'entrata, sitting room, kamra ta' l-ikel, kċina, żewġt ikmamar tas-sodda fuq u l-bejt u kamra tal-banju żgħira isfel. Fil-fond ta' Scicluna jien għamilt diversi xogħol ta' maintenance matul is-snin, per eżempju kont inħalleb il-bejt, kien hemm xi ġebel fuq il-bejt li fl-opinjoni tiegħi ma kienux qegħdin tajjeb u kont biddilthom, għamilt xogħol ta' tibjid u ta' zebgħa, anke għamilt xogħol ta' l-elettriku fis-sistema tad-dawl, bażikament kull ma kien ikun hemm bżonn li jsir kont nagħmlu. Apparti xogħlijiet ta' maintenance jien anke kont nagħti assistenza lil Scicluna, ma kienx ikun l-ewwel darba li kienu jibgħatu għalija għax kienet taqa' u kien ikollhom bżonn l-għajnuna biex jerfugħha. Scicluna kien fiha mara w allura dejjem kien hemm bżonn ta' tnejn minn nies biex jerfugħa. Kont ukoll naqdiha billi mmur f'dipartimenti biex naqdiha f'dak li kien ikollha bżonn, apparti minn hekk fid-dar kellha diversi affarijiet li kienu ta' ommha u ta' missierha u jiena niftakarni ngħinha tiklerjhom. Fis-sens li l-affarijiet li ma kienux tajbin kienu jintremew u l-oħrajn żammithom. Jiena kont naf li Scicluna ma kellhiex flus u fil-fatt kellha biżżejjed just kemm tmantni lilha nfisha. Kont naf ukoll li kienet tħobb ħafna l-qtates. Jiena lanqas kont inżommilha ta' l-ispejjeż ta' l-affarijiet li kont nixtri biex nagħmlilha l-manutenzjoni fid-dar. Għall-finijiet ta' flus ta' Scicluna jien ma kont involut bl-ebda mod; kien hemm persuna oħra li kienet tiġi minnha mill-bogħod ukoll li kienet tieħu ħsieb tiġbdilha l-flus mill-bank u tagħmlilha x-xirjiet, u naf ukoll li kienet taħslilha l-ħwejjeġ, però lil din il-persuna kienet tħallasha għas-servizzi li kienet tirrendilha. Din il-persuna kien jisimha Mary Meilaq. Scicluna ma kenitx issuq, u mhux l-ewwel darba li kont wassaltha jien l-Isptar għall-visti li kien ikollha, il-verità hi li fil-fatt l-aktar li kont inwassalha kien l-Isptar. Kien hemm okażżjonijiet ukoll fejn lil Scicluna kont neħodha xi dawra però ġeneralment kont inkun limitat bil-ħinijiet. Għal meta kont inwassalha l-Isptar ma kenitx tikkumpensani, lanqas tal-fuel tal-vettura. Finalment Scicluna spiċċat biex marret kompletament minn saqajha u ġiet rikoverata l-Isptar Mater Dei. Jien kont immur naraha mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa u dan anke a skapitu li kont nitlef l-overtime fuq ix-xogħol. Wara Mater Dei marret Karen Grech għal skopijiet ta' rijabilitazzjoni u hemm fil-fatt kienet sitwata f'żewġ wards differenti. Fl-Isptar San Luqa hemm ukoll floor miftuħa għal dawn it-tip ta' nies u ntbagħtet hemm ukoll. Sussegwentement marret ukoll Mount Carmel f'Sala li tinżamm*

[26] Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et, Ċitaz. Nru. 1664/99 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April 2011.

*appozitament biex jippreparaw in-nies li jkunu sejrin Saint Vincent de Paul u effettivament marret Saint Vincent de Paul fejn qattgħet l-aktar żmien. Nikkoreġi ruħi, Saint Vincent de Paul Scicluna ma marritx, kienet f'din is-sala ta' Mount Carmel li għaddiet l-aktar żmien. Din is-sala jisimha sala Giovanna Antida. Kemm damet f'dawn is-swali Scicluna, jiena xorta bqajt immur naraha darbtejn fil-ġimgħa w anke kont noħdilha xi bżonnijiet li kienet titlobni għalihom, sakemm ma kienitx teħodomlha Mary Meilaq, li kienet tmur taraha wkoll. Bħala bżonnijiet, mhux l-ewwel darba li talbitni ntellalha l-ħwejjeġ, kont immur id-dar tagħha nfittxilha l-ħwejjeġ u noħodomlha. Kont anke ħadtilha xi deheb meta kienet għadha l-Mater Dei u d-deheb tagħha kont żammejtu d-dar għandi għal skopijiet ta' sigurtà kif talbitni hi stess. Meta kont ħadt id-deheb lil Scicluna kienet qasmitu hi u ssiġġilatu f'żewġ envelopes li fuq kull wieħed minnhom kitbet l-ismijiet tan-neputijiet tagħha. Jiena dawn l-envelopes żammejthom fl-istess mod kif tathomli u fil-fatt kont irritornajthomlha f'envelopes issiġillati. Apparti l-ħwejjeġ u affarijiet hekk jien kont noħdilha wkoll ilmijiet, għax kienet tixrob ilma tal-flixkun kif ukoll ħelu għax kienet tħobbu ħafna. Maria Scicluna kellha żewġ neputijiet, wieħed jismu Martin u l-ieħor ma niftakarx x'jismu u t-tnejn jgħixu l-Kanada. Meta kienet daħlet l-ewwel darba l-Isptar Mater Dei jien kont ċempiltilhom it-tnejn li huma biex ninfurmahom għas-spejjeż tiegħi. Maria Scicluna lili ma kenitx ikkumpensatni ta' dawn it-telefonati bħal ma lanqas ikkumpensati ta' l-affarijiet l-oħra li kont nagħmel għaliha. Jiena meta ċempiltilhom infurmajthom bis-sitwazzjoni kif kienet però apparti din it-telefonata kont anke ċempiltilhom drabi oħra dejjem għas-spejjeż tiegħi*[27].

Mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li tul il-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u l-aħħar ta' Ottubru 2008, l-iktar li kien għamel għal Maria Scicluna kien li jmur iżurha l-Isptar Mater Dei jew Monte Carmeli, skond il-każ, darbtejn fil-ġimgħa u kien jaqdiha f'dawk il-bżonnijiet li kienet tkun teħtieġ bħal li jġibilha ħwejjeġ mid-dar jew iġbilha ilma u/jew ħelu. Għalkemm l-attur kjarament skomoda ruħu biex ikun ta' għajnuna w assisstenza għal Maria Scicluna tul dan il-perijodu, fejn anke kien iżurha darbtejn fil-ġimgħa u dana ġieli a skapitu ta' l-overtime, ma jistax jingħad li is-serviġi prestati matul dan iż-żmien involvew xi tbatija partikolari għall-attur jew li kienu jirrikjedu xi ħila jew speċjalizzazzjoni partikolari jew li kienu tali li mhux kulħadd kien jiħdol għalihom. Dawn il-fatturi kjarament jimpinġu fuq il-*quantum* tal-kumpens li għandu jiġi likwidat favur l-attur. Fattur ieħor li jimpinġi huma l-mezzi ta' Maria Scicluna li għalkemm ma tressqet l-ebda prova dwar il-posizzjoni finanzjarja tagħha, irriżulta b'mod ċar, anke kif ammess mill-istess attur, li hi ma kenitx persuna li kellha ħafna flus u l-ġid tagħha essenzjlament kien jikkonsisti fi ftit deheb u fid-dar fejn kienet tirrisjedi, li l-valur ta' l-istess però baqa' qatt ma nġab a konjizzjoni tal-Qorti. Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis il-kumpens dovut lill-attur għas-servizzi minnu reżi lil Maria Scicluna tul il-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u l-aħħar ta' Ottubru 2008, għandu jkun fil-valur ta' **€1,000**.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-konvenuta noe u tiċħad ukoll l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-istess konvenuta noe, tilqa' t-talba attrici, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur għas-serviġi

[27] Xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012, fol. 17 sa' 20 tal-proċess.

minnu prestati lil Maria Scicluna bejn il-11 ta' Ottubru 2006 u l-aħħar ta' Ottubru 2008 fil-valur ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenuta noe tħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €1,000, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tal-konvenuta noe.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**